MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2013

Numru. 780/2010

**Il-Pulizija
(Spettur Daniel Zammit)**

**vs**

**Antoine Galea ta' 32 sena, iben Carmelo u Emanuela nee Gialnza, imwiled Pieta fit-22 ta' Dicembru 1977, residenti gewwa 'Kristu Re', Triq il-Qadi, Zejtun u detentur tal-karta ta' identita bin-numru 32278M**

**U lill**

**Floyd Attard ta' 25 sena, iben Carmelo u Anna nee Zammit, imwieled Pieta fl-10 ta' Awissu 1984, residenti gewwa 24, Triq id-Duluri, Isla u detentur tal-karta ta' identita bin-nunmru 400284M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzimigjuba fil-konfront tal-imputati li gew akkuzati talli:

Nhar it-30 ta' Lulju 2011, ghal habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar (14:00hrs), ikkommettew serq minn gewwa 'Farmers Wine', Triq Burmarrad, San Pawl il-Bahar, ghad-dannu tas-sidien u diretturi tal-istess kumpanija, liema serq huwa ikkwalifikat , bil-mezz u bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37);

U aktar talli irrendew ruhhom ricedivi ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

**Lil Antoine Galea wahdu gie akkuzat talli:**

Nhar it-02 ta' Lulju 2010, ghal habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar (14:00hrs), ikkommetta serq minn gewwa vettura li kienet ipparkjata gewwa Triq il-Pwales, San Pawl il-Bahar, ghad-dannu ta' Dennis Baldacchino, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jaqbez elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa;

U aktar talli nhar it-22 ta' Gunju 2010, ghal habta tal-hamsa ta' wara nofsinhar (17:00hrs) ikkommetta serq minn gewwa 'Quality Cars', Triq il-Wied, Msida, ghad-dannu ta' Christopher Camilleri, liema serq huwa ikkwalifikat u bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux elfejn u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37);

**Lil Floyd Attard wahdu gie akkuzat talli:**

Nhar it-22 ta' Gunju 2010, ghal habta tas-siegah ta' wara nofsinhar (13:00hrs), ikkommetta serq gewwa vettura DBI294 li kienet ipparkjata gewwa Triq l-Mqabba,

Siggiewi, ghad-dannu ta’ Ryan Cassar, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tal-Avukat General ghar-rinviju ghal gudizzju tal-4 ta’ Dicembru, 2012;

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputati liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputati inghataw zmien xieraq sabiex jirrikonsidraw l-istess;
Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputati l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputati u l-fatt illi l-oggetti gew ritornati;

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261, 263, 279(a), 267, 271(g), 280(1)(2), 278(1)(2), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta’ Malta qed tqieghed lill-hatja taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din l-Ordni ta’ Probation jew jekk huma jonqsu milli jsegwu xi kondizzjoni imposta fuqhom f’din l-ordni jew

jekk huma jonqsu milli jsegwu xi ordni mghotija lilhom mill-Ufficjal tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------